**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 25 ta' Ottubru 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 268/2014 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B f'isimha proprju u**
**għan-nom tal-minuri D**

**vs**

**C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taż-Żwieġ: 2374/1991)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

[1] Fol. 1.

1. *Jiena u zewgi ghandna problemi u fuq hekk inbdiet il-Medjazzjoni. L-ewwel fetah Medjazzjoni huwa u ma pprocediex bil-kawza. Sussegwentament wara ftaht il-Medjazzjoni jien u dan kien minhabba illi ddecieda illi flok nofs il-paga ghalija u ghat-tifla jaghtini tliet mija u hamsin ewro (€350) ghat-tnejn.*

2. *Zewgi jaqla' circa elfejn u hames mitt ewro (2,500) fix-xahar u jahdem ma' l-ST Micro Eletronics Malta (Limited).*

3. *Illi wara li din l-Onorabbli Qorti ghalqet il-Medjazzjoni 1220/14 fit-3 ta' Ottubru 2014 u stabbilit manteniment provizorju ta' hames mitt ewro (€500) ghalija u itejn u hamsin ewro (€250) ghat-tifla D.*

4. *Illi r-ragel ghal ragnijiet tieghu jigi d-dar minn daqqiet biss. Da parti tieghi ma ghandi l-ebda ntenzjoni li nipprocedi ghas-separazzjoni.*

5. *Pero' huwa mehtieg illi jigu stabbiliti l-kwistjonijiet yal-finanzi bejnietna peress illi ma nistax nrabbi t-tifla u niehu hsieb il-bzonnijiet b'mod illi jkolli nitkarrab u nittallab lir-ragel biex jaghtini l-flus.*

6. *Barra minn hekk certament ghal bzonnijiet tieghu ma jstax jonfoq il-kumplament li jghaddi lili manteniment u ghalhekk dan it-tifdil ikun parti minn dak illi huwa tal-Komunjoni tal-Akkwisti.*

7. *Ghaldaqstant l-esponenti kellha taghmel din il-kawza biex dawn il-kwistjonijiet jigu definiti. Jena da parti tieghi minix f'qagda li nohrog nahdem u dana minhabba diversi diffikultajiet li ghandi b'sahhti u barra illi ma jkunx possibli li nsib xoghol addattat ghalija. Problema kbira li ghandi huwa nuqqas ta' smigh.*

*Kawzali*

*Peress illi l-konvenut huwa obbligat li jghaddi manteniment adekwat skond il-mezzi tieghu lill-attrici u lil bintha u wara li nqatghu l-ispejjez ghalih ir-rimanenti u t-tifdil ghandu jkun tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti illi l-attrici ghandha n-nofs taghha.*

*Peress illi barra l-ammont ghandhom ikunu stabbiliti wkoll il-modalitajiet tal-hlas ta' l-istess alimenti kif ukoll illi jkun hemm zidiet adegwati ghall-gholi tal-hajja u specjalment ghal bzonnijiet tal-minuri illi aktar ma tikber aktar qed jikbru l-bzonnijiet taghha, u kif jithallsu l-ispejjez kpnnessi mad-dar konjugali fosthom id-dawl, l-ilma u servizzi oħra.*

*Talbiet:*

*Jghid il-konvenut ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tiffissa retta alimentari ghall-attrici u ghal bintha minuri D skond il-kundizzjonijiet u l-qliegh ta' l-istess konvenut, u l-bzonnijiet taghhom;*

2. *Tiffissa l-ammont mis-salarju ta' l-istess konvenut li ghandu jigi assenjat lilu ghal bzonnijiet tieghu u konsegwentament li r-rimanenti jitqieghed f'kont bankarju f'ismijiet kongunti ta' l-attrici u l-konvenut bhala appartenenti lil Komunjoni ta' l-Akkwisti u li ma jkunx jista' jigi rtirat mill-ebda wahda mill-partijiet hlief kif provdut mil-Ligi, jew skont kif tistabbilixxi l-Qorti dwar hlasijiet komuni li ghandhom isiru mill-istess kont;*

3. *Fir-rigward ta' l-ewwel talba tiffissa l-awmenti illi ghandu jkun hemm fl-istess manteniment biex jirriflettu l-gholi tal-hajja u specjalment il-bzonnijiet tal-minuri, kif ukoll kif ghadhom jigu sapportati l-bzonnijiet tad-dar knjugali bhas-servizz tad-dawl u l-ilma u fil-kazijiet ta' mard ta' xi wahda mill-partijiet.*

4. *Bl-ispejjeż kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni nkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru fl-istess ismijiet 232/14 tal-15 ta' Settembru 2014.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut C B, fejn eċċepixxa:[2]

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

2. *Illi l-attrici kissret dan iz-zwieg bl-attitudni taghha – hi giet mitluba mit-*

[2] Fol. 46.

*tabib tal-familja sabiex tfittex ghajnuna ulterjuri bi specjalisti ohra minhabba l-attitudnijiet taghha. Hi dejjem irrifjutat li tfittex tali ghajnuna.*

3. *Illi l-esponent dejjem ha hsieb li jmantni lill-familja u dejjem baqa' jiehu hsieb martu mnkejja dak kollu li hi ghamlitlu.*

4. *Illi hu evidenti li l-attrici kull ma trid mill-konvenut huma l-flus tal-komunjoni u l-paga tieghu.*

5. *Illi t-talbiet kif maghmula ma humiex sostenibbli. L-attrici qed titlob manteniment ghaliha u ghal bintha u dan meta da nil-manteniment gia kien qed jithallas qabel il-hrug ta' digriet apposite kif ukoll baqa' jithallas wara il-hrug tal-istess digriet li qed jigi anness bhala Dok A;*

6. *Illi skont dan id-digriet il-konvenut hu obbligat ihallas lill-attrici l-ammont ta' Eur 750.00 fix-xahar li Eur250 huma ghall-minuri.*

7. *Illi issa l-attrici minghajr ma titlob il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti u minghajr a titlob separazzjoni qed titlob (a) li hi tinghata manteniment mill-paga tal-konvenut, (b) li tigi mwarrba min din il-paga somma ohra li tittiehed mill-konvenut ghall-ghixien tieghu, u (c) li l-kumplament tal-paga jidhol biex jigi frizat favur iz-zewg partijiet bhala appartenenti lill-kommunjoni tal-akkwisti. Din it-talba mhijiex sorretta mil-ligi u l-anqas ma hi gusta.*

8. *Illi b'dan il-mod l-attrici qed tippretendi lill-kovenut jibqa jahdem daqslikieku kien skjav taghha – cioe' jahdem ghall-flus, ihallasha il-manteniment u ma jiehux il-qligh tieghu mill-paga tieghu. Din it-talba ma ssibx sostenn fil-ligi ghax jekk trid, il-mara ghandha titlob ghal-likwidazzjoni u qasma tal-kommunjoni tal-akkwisti – imma mhux li parti tahdem biex tonfoh tali komunjoni minghajr din ma tigi maqsuma.*

9. *Illi hu evidenti li ghall-attrici l-imhabba taz-zwieg hi bazata fuq il-kif u l-kemm ir-ragel hu kapaci jonfoh u jkabbar il-komunjoni tal-akkwisti – dan hu l-inkwiet primarju tal-attrici f'dan iz-zwieg.*

10. *Illi inoltre t-talba kif maghmula mill-attrici hi imprattikabbli. L-ewwel nett*

*ghaliex ma jistax jinghad x'ikunu il-bzonnijiet tal-familja, tad-dar u tal-konvenut – u jekk tiġi milqugħa t-talba, jigri li ghal kull bzonn imprevist li jkun hemm, il-konvenut ikun obbligat li jaghmel rikors sabiex jiehu flusu biex ikun jista' jhallas.*

11. *Illi intant il-Qorti tal-familja mhijiex intiza sabiex tistabbilixxi mod ta' kif il-partijiet ghandhom igemmghu dak li ma jigix minfuq ghall-hajja.*

12. *Illi ghalhekk it-talbiet kif maghmula mhux sostenibbli;*

13. *Illi ta' min jinnota ukoll li intant, filwaqt li t-talbiet jaghmlu provvediment ghall-awment fil-manteniment tal-mara (ir-raba' talba) ma jaghmlux l-istess talba ghall-awment fl-ammont li skont l-attrici ikun jista jhallas ir-ragel lilu stess ghall-manteniment tieghu stess.*

14. *Illi hu evidenti li din hi kawza bazata fuq ir-rghiba – l-attrici ma tridx taf b'zewgha, pero' ma tridx tissepara minn mieghu sabiex izzomm jahdem ghaliha u jkompli jkabbar il-komunjoni tal-akkwisti. Dan mhuwiex kongenjali u mhuwiex sorrett bil-ligi.*

15. *Illi ghalhekk il-konvenut qed jipprevalixxi minn din ir-risposta sabiex jaghmel il-kontro-talba tieghu.*

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz tagħha ppremetta:[3]

1. *Peress illi l-konvenut ilhu mizzeweġ lill-attriċi mill-14 ta' Diċembru 1991. Minn dan iz-zwieġ il-partijiet għandhom tifla D ta' hmistax-il sena. Dok A hu c-certifikat taz-zwieg u Dok B hu c-certifikat tat-twelid tat-tifla.*

2. *Peress illi l-attrici saret hatja ta' ingurji, sevizzi, theddid u mohqrija lejn zewgha; dan iz-zwieg gie anke rez impossibli minhabba inkomplatibilita ta' karattru. L-attrici trid hajjitha u trid li l-konvenut ikompli jhallas kollox hu u jghinha f'hajjitha – imma fl-istess waqt a tridx terfa' l-obbligi l-ohra taz-zwieg;*

3. *Illi l-attrici kissret dan iz-zwieg bl-attitudni taghha – hi giet mitluba mit-*

[3] Fol. 11.

*tabib tal-familja sabiex tfittex ghajnuna ulterjuri bi specjalisti ohra minhabba l-attitudnijiet u burdati goffi taghha. Hi dejjem irrifjutat li tfittex tali ghajnuna u dan b'dannu kbir ghaliha u ghar-relazzjoni matrimonjali;*

4. *Peress illi fil-fatt l-attrici mhux qed tiehu hsieb l-edukazzjoni tat-tifla kif jixraq;*

5. *Peress illi tezisti l-awtorizzazzjoni biex il-konvenut jipprocedi ghas-separazzjoni u dan in forza ta' digriet qed jigi anness bhala Dok C. Intant l-istess Dok C hu digriet dwar manteniment provizorju li ordna lir-ragel ihallas manteniment ta' Eur750.00 fix-xahar. Jigi rilevat li intant il-paga tar-ragel naqset drastikament wara dan id-digriet u dan peress li l-overtime il-kumpanija ST Microeletronica waqaf minhabba nuqqas ta' xoghol – Dok D juri kif fil-fatt waqaf l-overtime. L-esponent ikun jista jaghmel rikors ghal tnaqqis fil-manteniment hekk kif ikollu l-payslips tax-xhur wara li waqaf l-overtime;*

6. *Peress illi r-ragel kellu ghal xi zmien jitlaq mid-dar matrimonjali 5, El Shaddai, Cross Str., Mellieħa peress li martu dejjem kienettaqla' l-inkwiet. Hu rega dahal ghaliex hi kellha bzonn l-ghajnna. Fil-fatt ir-ragel baqa' jghin u jiehu hsieb martu fid-diversi bzonnijiet likellha u ghad ghandha u dawn anke ta' natura medika;*

7. *Illi l-mara naffret lit-tifla mill-konvenut biex b'hekk holqot aktar problemi serji ghal din il-familja;*

8. *Illi issa l-mara bdeit kawza fejn qed tippretendi li zewgha jaghtiha manteniment u jiehu manteniment ghalih mill-paga tieghu stess, biex il-bqija imur biex ikompli ikabbar il-komunjoni tal-akkwisti – dan minghajr ma talbet il-qasma tal-istess u minghajr ma talbet is-separazzjoni. H evidenti minn din il-kawza maghmula mill-mara, li l-unika intenzjoni li ghandha l-attrici hi li zewgha jibqa' jahdem ghaliha;*

*Tghid l-attrici rikonvenzjonata ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti mnhabba theddid, minacci, ingurji gravi, sevizzi, u mohqrija lejn il-konvenut*

*maghmua mill-attrici ai termini tal-Kodici Civili u minhabba inkompatibilita' ta' karattru;*

2. *Tiddikjara u tordna li l-istess attrici titlef id-drittijiet kontemplati fl-artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kodiċi Ċivili u tapplika kontra l-attriċi u favur l-kontvenut id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 u artikoli sussegwenti tal-Kodiċi Ċivili;*

1. *Tordna it-tmiem u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;*

2. *Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi u taqsaml-istess bejn il-kontendenti nofs kull wieħed b'dan pero li lill-konvenut għandhom jiġu assenjati fl-intier tagħhom l-akkwisti li saru bil-ħidma tiegħu u jingħatalu lura dak li hi ta lill-attriċi b'donazzjoni bil-ħsieb taz-zwieġ jew waqt iz-zwieġ jew b'xi titolu ieħor;*

3. *Taħtar jekk ikun hemm bzonn Nutar u tiffissa data, lok u ħin sabiex jekk ikun hemm bzonn issir il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti kif likwidati u taħtar kuraturi deputati biex fil-kontumaċja jew l-assenza tal-attriċi jidhru minflokha;*

4. *Tiddikjara liema huma l-flus u/jew l-oġġetti parafernali li jappartjenu lil kull waħda mill-partijiet u tordna li qabel il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-prezz mill-bejgh tad-dar matrimonjali jew kull iobbli ohra tal-komunjoni, kull parti tieħu dak li hu parafernali tagħha;*

5. *Tordna li l-kura u l-kustodja tat-tifla tingħata lill-konvenut;*

6. *Tordna li l-konvenut jghix wahdu fid-dar matrimonjali flimkien mat-tifla u ad eskluzjoni tal-mara u dan ai termini tal-Art 55 tal-Kodici Civili.*

*Bl-ispejjez. L-attrici minn issa ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.*

Rat ix-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonat;

Rat ir-risposta tal-attriċi għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut,[4] li permezz

[4] Fol. 26.

tagħha eċċepixxa:

*L-eccezzjonijiet:*

1. *Il-kontro talba kif inhija mpustata hija rritwali ghaliex l-konvenut kellu l-ewwel jaghmel ir-risposta guramentata tieghu bid-dikjarazzjoni tal-fatti u bix-xhieda minnu ndikati u sussegwentament jekk ried jaghmel kontro talba irid jaghmel kif jipprovdi l-Kodici u cioe' illi jsiru l-premessiu mbaghad ikun hemm dikjarazzjoni tal-fatti, it-talbiet u x-xhieda. Il-kontro talba ghalhekk hija proceduralment zbaljata.*

2. *Huwa legittimu kuntrarjament ghal dak li qed jippretendi l-konvenut illi parti titlob dwar il-manteniment minghajr ma titlob separazzjoni. Illi stante r-rikonciljazzjoni ma hemmx lok ghal dikjarazzjoni tas-separazzjoni.*

3. *Illi t-talba dwar telfien ta' drittijiet dawn barra li t-talba mhux la kemm wiehed jifhimha ma jissussistux l-elementi ghal provvediment kemm kontra l-mara jew kontra r-ragel.*

4. *It-talbiet dwar il-Komujoni ta' l-Akkwisti ghandhom jigu respinti ghaliex ma hemmx lok ghas-separazzjoni u konsegwentament ghax-xoljiment tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti.*

5. *Illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri li ghandha hmistax-il sena definittivament ghandha tinghata lill-omm kif tista' tixhed l-istess minuri.*

6. *Illi l-konvenut m'ghandux bl-ebda mod jippretendi d-dar matrimonjali fejn ghandhom jghixu t-tifla w ommha u dan ghal ragunijiet li jirrizultaw fil-kawza.*

*Dikjarazzjoni tal-Fatti:*

1. *Illi mhijiex l-attrici li trid it-tkissir taz-zwieg kif jidher minn din il-kawza;*

2. *Illi l-attrici rikonvenuta hija soggetta ghal ngurji gravi, sevigi, theddid u mohqrija kemm lejha w anke fi zminijiet difficli.*

3. *Illi hija ngurja gravi da parti tal-konvenut illi wahhalha f'rasu illi martu hija marida mentalment w ghandha bzonn li tispicca ghand specjalisti. Il-partijiet sahansitra marru jkellmu flimkien lil Dr Joseph Spiteri u ma sab l-ebda patologija fl-istess attrici rikonvenuta. Il-fatt illi jibqa' jishaq fuq dan hija ngurja gravi. Illi mhuwiex minnu dak li jghid il-konvenut illi l-attrici ma tiehux hsieb l-edukazzjoni tat-tifla u r-relazzjoni taghha mat-tifla hija eccellenti. Id-diffikultajiet mat-tifla huma bejnha u bejn l-istess konvenut.*

4. *Illi anke jekk naqas l-overtime l-qliegh ta-konvenut huwa sostanzjali. Bizzejjed wiehed jghid illi nhar il-Hadd li ghadda dahal overtime u huwa maghruf illi fil-gurnata tal-Hadd kull siegha tghodd saghtejn. Dana wkoll barra li l-istess konvenut ha promotion fix-xoghol tieghu.*

5. *Illi l-konvenut rega' rritorna d-dar ghaliex minkejja li kien hemm xi diffikultajiet huwa rrikoncilja ruhu ma' martu u kien hemm relazzjonjiet intimi bejniethom f'tul dawn l-ahhar xhur ghakemm ma kienux relazzjonijiet kompleti minhabba li giet operata.*

6. *Illi hija tichad illi b'xi mod hija holqot xi problemi bejn it-tifla u l-missier.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi rikonvenzjonata;

Rat id-digriet tal-għeluq tal-medjazzjoni datat 3 ta' Ottubru 2014, fejn il-partijiet ġew awtorizzati jipproċedu b'kawża u dan fit-termini imposti mil-liġi;[5]

Rat iċ-Ċertifikat taż-Żwieġ tal-partijiet li jġib in-numru progressiv 2374 tas-sena 1991;[6]

Rat l-Att tat-Twelid ta' D B, li jġib in-numru progressiv 240 tas-sena 2000;[7]

Rat l-affidavit tal-attriċi;[8]

Rat l-affidavits tal-konvenut;[9]

---

[5] Fol. 20.
[6] Fol. 15.
[7] Fol. 16.
[8] Fol. 49, 87a.
[9] Fol. 82d, 84, 108.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Periti Legali Dr Caroline Farrugia Frendo, Dr Yana Micallef Stafrace, Dr Greta Mifsud Agius, u finalment Dr Abigail Critien,[10] ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Abigail Critien maħluf nhar it-23 ta' Novembru 2021;[11]

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat il-provvediment tal-Qorti datat 29 ta' Marzu 2022,[12] mogħti fid-dawl tal-Artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[13]

Ikkunsidrat;

## KONSIDERAZZJONIJIET:

Qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha, dawk preliminari kif ukoll fil-mertu, il-Qorti tara idoneju li jiġi replikat dak kollu li ġie miġbur mill-Perit Legali fir-rapport tagħha, u ċjoe' riassunt tal-verżjoni tal-partijiet, tal-provi kollha mressqa minnhom u kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-istess perit, u dan sabiex tiġi evitata ripetizzjoni inutli.

## IR-RAPPORT TAL-PERIT LEGALI:

Il-Perit Legali Dr Abigail Critien ġiet maħtura għal tali skop fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2018,[14] fejn in adempjenza tal-inkarigu mogħti lilha din żammet numru ta' seduti. Wara li l-Perit Legali rat ir-rikors promotur, ir-risposta ġuramentata, hija kompliet ir-rapport tagħha bis-segwenti:

---

[10] Maħtura għal tali fini nhar il-11 ta' Marzu 2015 a fol. 29, nhar it-18 ta' Novembru 2015 a fol. 51, nhar l-10 ta' Mejju 2017 a fol. 73, u t-22 ta' Novembru 2018 a fol. 97, rispettivament.
[11] Fol. 158.
[12] Fol. 186.
[13] Fol. 199.
[14] Fol. 97.

6. *Illi f'dan l-istadju l-esponenti ser tgħaddi sabex tiddiskuti l-każ odjern u abbażi tal-provi kollha mressqa mill-partijiet, id-dokumentazzjoni esebita, l-ġurisprudenza u l-insenjament applikabbli tippreżenta r-rapport odjern;*

7. *<u>Provi u Dokumentazzjoni mressqa</u>*

   I. *Ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet li jikkonferma li żżewġu nhar l-14 ta' Diċembru 1991 u konsegwentament dij hija l-ġurnata li fih ġiet fis-seħħ il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom[15];*
   II. *Ċertifikat tat-twelid tal-wild D li jikkonferma li twieldet nhar it-13 ta' Jannar 2000[16] u konsegwentament m'għadhiex minuri;*
   III. *Kopja legali ta' Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti kif diverdament preseduta datat it-3 t'Ottubru 2014[17] u li permezz tieghu l-intimat ġie ordnat iħallas is-somma ta' €750 fix-xahar li jirrappreżentaw is-somma ta' €500 fix-xahar bħala manteniment għall-attriċi u s-somma ta' €250 fix-xahar bħala manteniment pendente lite għall-minuri D. Sussegwentament il-manteniment għall-attriċi ġie ridott għal €300 fix-xahar permezz ta' digriet datat il-5 ta' Novembru 2019[18];*
   IV. *Dokument esebit mill-intimat li permezz tiegħu juri l-overtime li ġie mwaqqaf[19];*
   V. *Kopja ta' Taħrika ta' Kawża maħruġa lill-wild D B[20] u li permezz tagħha ġiet akkużata li nġurjat lill-intimat missierha u jekk kienet provokata li ħarġet mil-limiti tal-provokazzjoni u li ħebbet għal missierha sabiex tinġurjah, iddejqunu/jew tagħmillu l-ħsara u kkaġunatlu feriti ta' natura ħafifa;*
   VI. *Kopja ta' Taħrika ta' Kawża maħruġa lill-wild D B[21] u li permezz tagħha piet akkuzata li ġebbet għall-intimat missierha u kkaġunatlu feriti ta' natura ħafifa;*
   VII. *Kopja ta' Taħrika ta' Kawża maħruġa lill-wild D B[22] u li permezz tagħha ġiet akkużata li ħebbet għall-intimat missierha mingħajr ma darbitu u talli bil-ħsie li ttellef jew tnaqqas il-ġieħ tal-istess missierha, weġġħetu bi kliem, ġesti jew b'xi modieħor;*
   VIII. *Kopja ta' Taħrika ta' Kawża maħruġa lill-wild D B[23] u li permezz tagħha ġiet akkużata I ħebbet għall-intimat missierha u kkaġunatlu feriti ta' natura ħafifa;*

   IX. *<u>Ix-Xhieda tal-Attriċi</u>*

   *L-attriċi tixhed permezz tal-proċedura tal-affidavit[24] u li permezz tiegħu tgħid li l-kwistjoni bejnha u żewġha hija dik tal-flus peress li hi ma taħdimx u għadha kif*

[15] Ara Dok. A anness mar-risposta ġuramentata u kontestwali kontro-talba tal-intimat Esebit a fol 15 tal-proċess.
[16] AraDok. B anness mar-risposta ġuramentata u kontestwali kontro-talba ta-intimat Esebit a fol 16 tal-proċess.
[17] Ara Dok. Ċ anness mar-risposta ġuramentata u kontestwali kontro-talba tal-intimat Esebit a fol 17 tal-proċess.
[18] Ara a fol 127 tal-proċess.
[19] AraDok. D anness mar-risposta ġuramentata u kontestwali kontro-talba tal-intimat esebit a fol 21 tal-proċess.
[20] Esebita a fol 62 tal-proċess.
[21] Esebita a fol 63 tal-proċess.
[22] Esebita a fol 64 tal-proċess.
[23] Esebita a fol 65 tal-proċess.
[24] Liema affidavit jinsab esebit a fol 49 tal-proċess.

*ħarġet minn operazzjoni. Tispjega li għandha tifla ta' 15-il sena u li l-bżonnijiet tagħha m'humiex żgħar u ssemmi d-Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti li permezz tiegħu l-intimatżewġha ġie ordnat iħallas manteniment mensili ta' €500 lilha u €250 manteniment għall-minuri D. Tiddikjara li żewġha għandu introjtu mill-ST Micro Eletronics ta' aktar minn €2400 fix-xahar. Tispjega li l-bżonnijiet tad-dar m'humiex żgħar lanqas u li anke bil-manteniment hawn fuq imsemmi jkollha d-diffikultajiet biex tleħħaq. Tgħid li wara li jħallas dan l-ammont skond id-Digriet, l-intimat iżmm kollox għalih u għalhekk qed tagħmel il-kawza odjerna sabiex din il-Qorti tiddeċiedi kemm għandu jkun il-manteniment tagħha u ya' bintha u sabiex ikun hemm ordni li kwalunkwe bilanċ li jkun fadal mill-introjtu tal-intimat, dan jitpoġġa f'kont bankarju konġunt bejniethom. Tgħid li l-ispejjeż tad-dawl u l-ilma għandhom ikunu esklużi mill-ammont mogħti lilha bħala manteniment u li għalhekk ma jinqatgħux mill-manteniment. Tiddikjara li fi żmien il-medjazzjoni l-intimat kien ħareġ mid-dar iżda issa reġa' ġie lura u tgħid li l-ħajja bejniethom aħjar b'dan li fi żmien l-operazzjoni li għamlet kien ta sapport kbir għaliha u qed jorqdu flimkien regolarment. Tagħlaq billi tgħid li ntavolat il-kawża odjerna biss fuq flus għaliex taf I jekk ikun hemm ordni mill-Qorti għal dan, l-intimat joqgħod għal dak li tordna l-Qorti u ma jkunx hemm inkwiet bejniethom mnħabba flus.*

*Jirriżulta wkoll li fl-atti proċesswali hemm affidavit ieħor tal-attriċi*[25] *li pero' majidhirx li hu l-oriġinali stante li l-firma hja biss fotokopja. Permezz ta' dan l-affidavit tgħid li waħda mill-problemi li kellhom fiż-żwieġ kienet ir-relazzjoni ta' bejn binthom u l-missier (u dan minħabba nuqqas ta' qbil) li kien tali li saħansitra wassal għal proċeduri quddiem il-Jvenile Curt u wassal ukoll għal ċirkustanzi fejn żewġha telaq mid-dar. Tgħid li ppruvaw jirranġaw is-sitwazzjoni ta' bejniethom b'dan li kien hemm żmien fejn kien jgħaddilha nofs il-paga tiegħu iżda f'daaqa waħda ddeċiedam li ma jridx jagħtiha aktar nofsha u ried li jisseparaw b'dan li jagħtiha ammont żgħir ħafna għal sehemha mid-dar. Tagħti dettalji wkoll tas-sitwazzjoni medika tagħha li abbażi tal-istess tikkontendi li ma tistax toħroġ taħdem u tispjega li mbagħad kellmet avukat sabiex ikun hemm ordni ta' manteniment iżda tinsisti li qatt ma riedet proċeduri ta' separazzjoni €għax ma kien hemm raġunijiet għala". Tgħid ukoll li wara li ġie ordnat iħallas manteniment ta' €750 fix-xahar bħala manteniment għaliha u għal bintha, żewġha ma baqax jiddepożita flus fil-Bank u għalhekk persważa li kien qed iġemma'. Tispjega li ma setgħetx tħallas kontijiet filwaqt li bintha kienet tippretendi li jinxtegħel l-air conditioning imma peress li l-attriċi ma kellhiex flus filwaqt li bintha riedet il-kumdita' spiċċaw biex iġġieldu u l-bint marret tgħix ma' missierha wara li ġġieldet magħha u aggredietha. Tgħid li l-manteniment tat-tifla twaqqaf hekk kif marret tgħix għand missierha u li għalqet ukoll l-eta' ta' 18-il sena.*

*Tiddikjara li qed tirċievi s-somma ta' €500 fix-xahar bħala manteniment li skond*

[25] Liema affidavit jinsab esebit a fol 87a tal-proċess u jidher li hu datat il-21 ta' Frar 2018.

*hi pero' żewġha qed jippretendi li jkopru l-maintenance tad-dar u spejjeż ta' affarijiet li huma komuni u appliances. Trid li tkompli bil-kawża għax tippretendi aktar mill-paga ta' żewġha u trid ukoll li jħallas għall-ispejjeż tal-maintenance tad-dar u tkun taf xi flejjes qed jinġabru peress li dawn formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Tagħlaq dan l-affidavit billi tgħid li kellha ċekkijiet tal-BUPA li skadew u ma ġewx imsarrfa għaliex żewġha rrifjuta li jiffirma.*

X. <u>Ix-xhieda tal-Intimat</u>

*Permezz tal-affidavit tiegħu*[26] *l-intimat jgħid li hu u l-attriċi żżewġu fis-sena 1991 u li minn tali żwieġ twieldet it-tifla D. Kien fis-sena 2012 li beda jara l-kampbjamenti f'martu għaliex filwaqt li qabel kienet iddedikata għall-familja u t-tifla, f'daqqa waħda l-attitudni tagħha nbidlet u bdiet tgħidlu biex ma jindaħlilha f'xejn u filwaqt li kienet tgħid li mhux se toħroġ miegħu u mat-tifla għax kellha x'tagħmel id-dar, il-faċendi xorta waħda ma kienux isiru. Jgħid li kien jispiċċa jagħmel tali faċendi hu minkejja li baqa' jagħtiha nofs il-paga tiegħu.*

*Bdiet toħroġ ukoll fil-ħin li jkun ix-xogħol mingħajr ma kienet tagħtih sodisfazzjon fejn qed tmur. Iffissat ukoll fuq l-oroskopju, speċjalment fuq l-istilla 'Virgo'. Jispjega li kellha fissazzjoni fuq it-tabib Nicholas Vassallo li min-naħa tiegħu dejjem żamm id-distanza imma hi kienet tiffissa fih b'dan li riedet ukoll li jkun il-parrinu tat-tifla tal-Griżma iżda rrifjuta kif irrifjuta wkoll mobile bħala rigal.*

*Biddlet l-istil tal-ilbies ukoll b'dan li bdiet tilbes ilbies provokattiv li kienet tilbishom meta toħroġ waħedha, anke sempliċiment biex tur qadja speċjalment meta tmur għand l-ispiżjar. Qaltlu wkoll li ma riditx tkompli bil-ħajja miżżewġa li kienu fthemu li ma kienu ser imissu xejn qabel jitkellmu.*

*Jiddikjara li kienet il-mara li kissret dan iż-żwieġ bl-attitudni tagħha. Ġiet mitluba tiegħu l-għajnuna mingħand speċjalisti minħabba l-attitudnijiet u l-burdati goffi tagħha iżdama marritx. Ġieli kienet fiżikament vjolenti kemm fuqu u kemm fuq it-tifla iżda meta waslu għall-Qorti dejjem ħafer. Imbagħad fil-kuntest ta' dan kollu, fis-sena 2013 ġie kostrett jitlaq mid-dar u qiegħed jgħix mal-ġenituri tiegħu u mat-tifla D. Jispjega li minkejja li dejjem ried isalva ż-żwieġ u ħa ħsieb lil martu għall-bżonnijiet kollha tagħha, jidher ċar li dak li trid hu li tieħu l-manteniment mingħandu biex tibqa' ma taħdimx filwaqt li tgħix fil-liberta'. Ma tridux ħdejha imma fl-istess ħin trid li jaqsam kollox magħha.*

*Kwantu għal dak li jifforma –komunjoni tal-akkwisti jgħid li din hija formanti mid-dar matrimonjali u ċioe' 5, Ed Shaddai, Cross Street, Mellieħa* li jikkontendi

[26] Liema affidavit hu datat il-5 ta' Frar 2018 u hu esebit a fol 84 tal-proċess.

*li għandha tinqasam u ċioe' tinbiegħ u r-rikavat jinqasam bejniethom filwaqt li l-għamara għandha tinqasam. Hemm ukoll is-somma ta' €9000 (tal-partijiet)) li skond hu għandhom jinqasmu u s-somma ta' €8000 tat-tifla D li huma friżati u l-vetturi Opel ABL 523 f'isem l-intimat u l-Maruti JBF 962 f'isem l-attriċi li bejn wieħed u ieħor għandhom l-istess valur u għalhekk jikkontendi li kullħadd għandu jibqa' bil-vettura tiegħu.*

*Jgħid li għandu introjtu ta' madwar €2100 fix-xahar u jħallas is-somma ta' €500 lill-attriċi li jikkontendi li m'għandux iħallas għaliex l-attriċi kapaċi taħdem kief kienet taħdem fil-passat. Jgħid li hemm bżonn li jmur jgħix għal rasu ma' bintu biex ma jibqax ta' piż fuq il-ġenituri tiegħu u jippreżenta wkoll prospett ta' spejjeż li hu jagħmel fix-xahar għalih u għal bintu li jamontaw għal €2263. Jagħlaq billi jgħid li t-tifla D għadha tistudja b'dan li tattendi l-Junior College u l-ispejjeż tagħha m'humiex żgħar speċjalment għaliex iħallas kollox waħdu għaliex ommha ġġieldet magħha.*

*Permezz ta' affidavit ulterjuri datat it-22 ta' Marzu 2018*[27] *jgħid li mhux minu li s-sors ta-problemi bejn il-partijiet hija r-relazzjoni tiegħu ma' binthom iżda hi l-atriċi stess u dan minħabba kambjament radikali fil-karatru tagħha, fosthom il-fat li ffissat fuq l-oroskopju u fit-tabib tal-familja D. Vassallo. Jżid jgħid li kien hemm okkażjonijiet fejn hi sawtet lit-tifla b'dan li pero' meta telgħu l-Qorti, kemm binthom u kemm hu stess ħafrulha. Jiddikjara li bintu ilha tgħix miegħu għal tliet (3) snin. Jiddikjara li għamel offerta ta' €125,000 sabiex jixtri sehem l-attriċi mid-dar matrimonjali u għalhekk jiċħad l-allegazzjoni tagħha li l-offerta kienet dik ta' €25,000 – għalkemm isostni li d-dar għandha tinbiegħ b'dan li r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejniethom. Jgħid ukoll li jħallas manteniment ta' €500 fix-xahar bħala manteniment lil martu filwaqt li din tal-aħħar ma tgħinu xejn fit-trobbija ta' binthom li tgħix miegħu. Jirrimarka li stante li hi l-attriċi li qed tgħix fid-dar matrimonjali u dan b'mod esklussiv, għandha tkun hi li tagħmel tajjeb għall-manutenzjoni tal-istess dar. Jiddikjara pero' li apparti tali ammontta' manteniment ma jħallas ebda ammont ieħor – lanqas l-ammont relattiv għall-polza t'assigurazzjoni tas-saħħa (BUPA) li talbitu jħallsilha ma jħallas u għalhekk waqqaf tali polza – jgħid li ma jistax jibqa' jħallas kollox hu għaliex wara kollox għandu l-piż finanzjarju ta' bintu, l-kera u l-fatt li l-attriċi ma tgħin xejn fit-trobbija u l-manteniment tal-wild apparti l-fatt li jħallas manteniment għall-istess attriċi li hu jħoss li hu għoli ħafna. Jiċħad li jgħaddi l-flus lill-familjari tiegħu.*

*Sussegwentament permezz ta' affidavit ulterjuri*[28] *jiddikjara li kien kostrett jitlaq mid-dar mnħabba l-aggressjoni fiżika da parti ta' martu*[29]*. Jgħid li sakemm*

[27] Liema affidavit hu esebit a fol 82d tal-proċess.
[28] Liema affidavit hu datat il-25 ta' Ġunju 2019 u hu esebit a fol 108 tal-proċess.
[29] Kif jikkonferma wkoll permezz tal-affidavit tiegħu datat it-22 ta' Marzu 2018 esebit a fol 82d tal-proċess.

*tinbiegħ id-dar għandu jingħata d-dritt li jgħix fid-dar flimkien ma' bintu filwaqt li l-attriċi tiġi allontanata mid-dar. Jiddikjara li qed iħallas is-somma ta' €800 fix-xahar kera (b'dan li preċedentement u ċioe' permezz tal-affidavit tegħu esebit a fol 82e tal-proċess jiddikjara li l-kera hi ta' €700 fix-xahar). Jispjega li martu kapaċi taħdem u li m'għandux iħallas manteniment lil martu anke għaliex ma jaħtix għat-tkissir ta' dan iż-żwieġ. Minkejja li qed iżomm lil binthom D, l-attriċi ma tħallas ebda manteniment għall-bint u qatt ma kkontribwiet għall-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni lanqas. Jiddikjara li mhux jippretendi manteniment għal bintu pero' ma jħoss li għandu jkompli jmantni lil martu li kapaċi taħdem.*

*Filwaqt li jerġa' jikkonferma l-posizzjoni tiegħu fuq id-dar matrimonjali u l-mobbli ta' fiha u ċioe' dawn għandhom jinbiegħu u r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejniethom, jgħid li flus il-Bank hemm 2 kontjiet li flimkien ilaħħqu għal €17,332.11 li huma sekwestrati[30] (għalkemm wieħed minnhom hu kont abbinat mmalwild) u jikkontendi li wara li l-wild D tieħu s-somma ta' €8000, ir-rikavat għandu jinqasam ugwalment bejniethom;*

*XI.* *Ix-xhieda ta' D B[31] (bint il-partijiet) li tgħid li bdiet issofri minn abbuż fiżiku u verbali da parti t'ommha meta kellha madwar 14-il sena. Tgħid li d-dar is-sitwazzjoni kienet insapportabbli tant li kienet tispiċċa torqod fil-vettura Maruri u naturalment dan kellu effett fuq l-istudji tagħha. Tgħid li l-ġlied bejn il-ġenituri tagħha kien ikun għaliex ommha ma kienetitx tkun trid li missierha jidħol id-dar b'dan li spiċċa kostrett jitlaq mid-dar. Hi vaqgħet id-dar għal ftit żmien iżda ommha kienet baqgħet għaddejja bl-istess abbuż fiżiku u verbali fil-konfront tagħha u baqgħet ixxewwixha kontra missierha. Kienet tgħidilha li missierha kien infidil lejha, li jekk tmur tgħix miegħu se joqtolha bil-ġuħ u li ried iħalliha b'xejn. Kienet tgħajjarha li qisha tifel u li ma kienitx tmur tajjeb fl-iskola kif ukoll bil-piż tagħha. Tispjega li ommha ma kienitx issajjar u tagħmel faċendi (minkejja li kienet qed tirċievi manteniment mingħand missierha għaliha) u għalhekk minflok tistudja kienet tispiċċa ssajjar u tnaddaf hi stess Tgħid ukoll li mhux l-ewwel darba li missierha kien jispiċċa jħallas għall-miżata tal-Van għaliex ommha kienet thudded li ser tibgħata b'tal-linja għax ma kellhiex flus iżda l-wild tibqa' tistaqsi dwar x'setgħet għamlet bil-flus ommha għaliex ġieli kienet anke tgħidilha li lanqas flus għall-ikel ma kellha.*

*Tgħid li ommha kienet ossessjonata bl-oroskopju u superstizzjonijiet oħra b'dan li kienet tibbaża ħajjitha fuqhom. Kien hemm żmien fejn kienet tkun fiżikament vjolenti fuqha u fuq missierha u żminijiet oħra fejn kienet torqod mhux b'mod normali. Tikkonferma l-ossessjoni li kellha ommha fuq it-tabib Dr. Nicholas Vassallo. Issemmi wkoll episodju fejn ommha qaltilha li kien beħsiebha ssuq minn fuq l-irdum ta' Ħad-Dingli bil-karozza biha b'kollox u naturalment b'theddida*

[30] Ara Dok. AS1 esebit a fol 110 tal-proċess.
[31] Ara l-affidavit tagħha datat it-12 t'April 2018 esebit a fol 93 tal-proċess.

*ta' din il-kwalita', twerwret. Hedditha wkoll li qabel mma tħammġilha l-kondotta ma kienitx ser toqgħod kwieta.*

*Tiddikjara li ġiet assaltata fiżikament minn ommha 3 darbiet b'dan li wara episodju minnhom ġabarha missierha u marret miegħu għand in-nanniet paterni tagħha. Frott ta' dan kollu spiċċat b'kondizzjoni medika anorexia nervosa u saħħitha marret għall-agħar. Kif telqet mid-dar m'ommha ħajjitha marrey għall-aħjar, bdiet tmur aħjar fl-istudji tagħha tant li ġabet 7 O'Levels u 2 Intermediates u għandha tir li tidħol l-Universita'. Tagħlaq l-affidavit tagħha billi tgħid li ma' missierha għandha s-serħan il-moħħ u paċi għaliex taf li mhux ser tkun esposta għal abbużi u ħlied inutli.*

*In kontro-eżami*[32] *mbagħad l-istess wild tgħid li m'għadhiex tgħix mal-intimat missierha (bħal ma kienet tagħmel fi żmien li kitbet l-affidavit tagħha) għaliex ma taqbilx mal-partner li għandu missierha u ċioe' E F li ilha tgħix miegħu għal xi sena u nofs u għalhekk qed tgħix man-nanna maternal u dan mill-20 ta' Awwissu 2019. Tgħid li taħdem il-Bank full-time bħala kaxxiera u li marret tgħix ma' missierha fil-5 ta' Awwissu 2015 u għamlet hemm s'Awwissu 2019. F'dawn l-erba' snin ommha qatt ma tatha manteniment anzi tgħid li kien il-papa' tagħha li ħa ħsiebha u tal-bżonnijiet tagħha u tas-saħħa u l-edukazzjoni tagħha apparti l-fatt li kien jagħtiha wkoll il-Pocket money. Tgħid li fi żmien li kienet għadha tgħix m'ommha, ma kellha ebda raġel jgħix magħha pero' mhijiex f'pożizzjoni li tgħid x'ihi s-sitwazzjoni llum peress li ommha tgħix għal rasha u x-xhud tgħix għand in-nanna.*

*Tispjega wkoll li l0post tal-papa' tagħha nbena fis-sena 2017. Għamlu ftit żmien waħedhom hi u missierha sakemm imbagħad daħlet il-partner tiegħu E. Tiftakar li bdiet taħdem il-bank f'Settembru 2018 u dak iż-żmien E ma kinitx tgħix magħhom għax daħlet ftit wara u għalhekk tikkoreġi ruħha fis-sens li E a kienitx ilha tgħix ma' missierha xi sena u nofs imma circa sena. Nisa oħra ma kellux. Qabel ma E marret tgħix magħhom missierha kien qalllha li hekk se jiġri u kienet qaltlu li d-deċiżjoni f'idejh. Id-dar fejn jgħix missierha mikrija – m'hijiex proprjeta' tiegħu. Tagħlaq billi tgħid li fiż-żmien li kienet tgħix mal-papa' tagħha 'ġieli tajtu xi ħaġa tal-flus to cover expenses u dan meta kont bdejt naħdem mhux qabel';*

XII. *Ix-xhieda ta' G H*[33] *bħala rappreżentant ta' ST Electronics li jesebixxi l-FS3 tal-aħħar ħames (5) snin tal-intimat pero' mill-proċess jirriżulta biss payslip waħda u ċioe' dik relattiva għax-xahar t'Awwissu 2014 u li turi basic pay ta' €1786.92 fix-xahar. Sussegwentament u ċioe' permezz ta' nota datata t-22 ta' Jannar*

[32] Ara x-xhieda tagħha in kontro-eżami waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-4 ta' Novembru 2019 a fol 128 tal-proċess.
[33] Ara x-xhieda tiegħu datata s-6 ta' Diċembru 2017 esebita a fol 82a tal-proċess quddiem il-Perit Legali Dr Greta Agius.

*2021[34] l-intimat jippreżenta l-FS3s tiegħu għall-perjodu bejn is-sena 2013 u 2018;*

8. *Osservazzjoni tal-Perit Legali*

*Jibda biex jingħad li l-attriċi ma tannetti l-ebda dokument mar-rikors promotur tagħha u tali notament qed isir għal finijiet tal-parametri tal-ittra tal-medjazzjoni li hija l-ewwel att li sussegwentament wassal għall-proċeduri odjerni u naturalment preċedentement għall-kawża odjerna, għall-awtorizazzjoni o meno da parti ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex l-istess attriċi tintavola l-kawża odjerna. Dan qiegħed jingħad stante li minkejja li kien l-intimat li preżenta d-Digriet tat-3 t'Ottubru 2014[35] u li permezz tiegħu l-medjazzjoni ġiet magħluqa u l-partijiet ġew awtorizzati jintavolaw il-kawża odjerna, jibqa' l-fatt li l-parametri tal-istess medjazzjoni m'humiex magħrufa għaliex tali ittra qatt ma ġiet esebita. Għalhekk, l-esponenti umilment tissottometti li l-partijiet jew l-attriċi għandha bl-awtorizazzjoni tal-Qorti neċessarja, tippreżenta kopja legali tal-ittra tal-medjazzjoni bil-partijiet speċjalment in vista tal-fatt li l-attriċi tikkontendi li ma tridx separazzjoni filwaqt li l-intimat jintavola kontro-talba għal separazzjoni u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti fost talbiet oħrajn. Dan qiegħed jingħad dejjem għal finijiet ta' kompletezza u xejn aktar stante li anke mill-qari tal-istess Digriet imsemmi jirriżulta ċar li anke dak iż-żmien il-partijiet ma kellhomx prospett tajjeb li jilħqu ftehim – tant hu hekk li kienet l-istess Onorabbli Qorti li ddikjarat dan fid-Digriet tagħha u kien proprju għalhekk li l-medjazzjoni bejn il-partijet ġiet dikjarata magħluqa.*

9. *L-Irritwalita' u n-Nuqqas ta' Sostenibbilita' tat-Talbiet attriċi fid-dawl tal-fatt li ma titlobx is-separazzjoni personali*

*Jibda biex jingħad li t-talbiet attriċi jinkwadraw ruħhom fuq l-aspett finanzjarju b'dan li titlob manteniment għaliha u għall-bintha (mingħajr ma tikkontenpla s-separazzjoni bejniethom u titlob ukoll li din l-Onorabbli Qorti tiffissa ammont mis-salarju ta' żewġha li għandu jiġi assenjat lilu filwaqt li r-rimanenti jiġi ordnat li jitpoġġa f'kont bankarju konġunt bejniethom b'dan li tali ammont ma jkunx jista' jiġi miġbud mill-ebda waħda mill-partijiet ħlief kif provdut mil-liġi jew b'ordni tal-Qorti. L-esponenti tifhem li talbiet ta' manteniment iridu jiġu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti f'każ ta' nuqqas ta' ftehi (avolja l-attriċi tiddikjara bil-ġurament tagħha li ma tridx tissepara legalment) pero' ma tifhimx kif l-attriċi tasal biex titlob talbiet li jmorru lil hinn mill-kompetenza ta' din l-istess Onorabbli Qorti bħal li kieku din l-Onorabbli Qorti trid tassumi l-vesti ta'istituzzjoni finanzjarja li tagħti l-pariri jew bħal li kieku din l-istess Onorabbli Qorti hija Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja u parti titlob l-awtorizzazzjoni dwar l-amministrazzjoni ta' terz. Dan ċertament mhux il-każ u għalhekk l-esponenti ma tistax tara kif partikolarment it-tieni talba attriċi tista' tiġi milqugħa għaliex dak li prattikament qed titlob l-attriċi hija talba dwar kif bħala koppja (jew le għaliex lanqas fuq din m'hemm qbil) jamministraw flushom u forsi kif jistgħu iwarrbu sold għal meta jiġu bżonn. Pero' bir-rispett kollu jingħad li dan ma jaqax taħt il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti għaliex dak li qed*

[34] Liema nota hi esebita a fol 141 tal-proċess.
[35] Ara Dok. Ċ anness mar-risposta ġuramentata u kontestwali kontro-talba tal-intimat Esebit a fol 20 tal-proċess.

*jiġi mitlub mill-attriċi hu prattikament mod ta' kif il-partijiet jamministraw flushom (jew aħjar kif l-attriċi tixtieq li tamministra l-introjtu derivanti minn żewġha fiż-żmien li l-komunjoni tal-akkwisti għadha viġenti bejniethom), iġemmgħu u b'xi mod timponi restrizzjonijiet li apparti l-fatt li m'humiex prattiċi (għaliex kif jgħid tajjeb l-intimat permezz tar-risposta ġuramentata tiegħu jekk jinqala' xi inkwiet jew imprevvist il-partijiet ma jkunux jistgħu faċilment jiġbdu tali ammonti u jużawhom għal dak li jinqala') hija talba li bl-ebda mod ma tista' tiġi milqugħa għaliex lanqas f'separazzjoni m'hija kumpatibbli aħseb u ara fil-kuntest ta' kif l-attriċi interponiet it-tieni talba tagħha. Huwa f'dan il-kuntest kollu li l-esponenti umilment tissottometti li t-tieni talba attriċi hija improponibbli, irritwali u insostenibbli.*

*Naturalment dan kollu kien ikun jgħodd ukoll għall-ewwel u t-tielet talbiet ukoll li kieku l-intimat ma ntavolax il-kontro-talba tiegħu tas-separazzjoni personali pero' ġialadarba tali talbiet sabu ruħhom xorta waħda fl-ambitu ta' kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet m'hemmx lok ta' dikjarazzjoni simili għal dik li saret rigward it-tieni talba u konsegwentament tali talbiet (dejjem fil-kuntest ta' separazzjoni personali) huma mhux biss probonibbli imma jiffurmaw parti integrali minn prattikament kull kawża ta' separazzjoni. Huwa għalhekk kważi kważi ironiku li kien l-intimat li taha l-bażi legali u l-ġustifikazzjoni ta' tali talbiet permezz tal-kontro-talba u għalhekk issana wkoll l-azzjoni odjerna.*

*10. <u>L-Irritwalita' tar-Risposta ġuramentata u l-Kontro-Talba</u>*

*Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha bħala risposta għall-kontro-talba ta' żewġha, l-attriċi rikonvenzjonata tikkontendi li l-mod ta' kif inhi interposta r-risposta ġuramentata u l-kontro-talba u ċioe' li r-risposta ġuramentata m'hijiex segwita bid-dikjarazzjoni tal-fatti u bil-lista tax-xhieda iżda mill-ewwel hemm il-kontro-talba (u għalhekk hemm biss l-lista tax-xhieda waħda f'att wieħed li jinkorpora fih kemm ir-risposta ġuramentata kif ukoll il-kontro-talba), tagħti lok għal żball proċedurali li jrendi l-istess risposta ġuramentata u kontro-talba irritwali.*

*F'dan l-istadju l-esponenti tagħmel referenza għal Artikolu 398 tal-Kap. 12 li jgħid hekk:*

***398. (1) Il-konvenut li jkun irid jipproponi r-rikonvenzjoni, għandu jagħmel il-kontro-talba tiegħu fir-risposta bil-miktub għar-rikors ġuramentat jew le.***

***(2) Il-kontro-talba għandha titressaq wara l-eċċezzjonijiet għat-talba oriġinali li jsiru kif meħtieġ bil-liġi; u l-konvenut għandu, dwar il-kontro-talba jħares, kemm jista' jkun, ir-regoli stabbiliti b'dan il-Kodiċi jew b'xi liġi oħra għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew.***

***(3) Meta l-proċedimenti jkunu b'rikors ġuramentat, kontro-talba magħmula fir-risposta ġuramentata tkun tiswa daqs preżentatata' rikors ġuramentat dwar dik it-talba, li għandha tiġi notifikata lill-attur, li għandu jipproċedi daqslikieku kien il-konvenut dwarha;u f'kull każ bħal dan, l-egħluq tal-proċedimenti preliminari bil-miktub u l-applikazzjoni tal-artikoli 151 u 152 għandhom jibdewmal-preżentata ta' dik ir-risposta ġuramentata mill-attur jew malli jagħlaq iż-żmien għall-preżentata tagħha".***

*Mill-qari tal-istess Artikolu ma jirriżultax li l-leġislatur ried li ad validitatem wara r-risposta ġuramentata jkun hemm lista tax-xhieda u d-dikjarazzjoni tal-fatti u li dawn jerġgħu jiġu repetuti wara l-kontro-talba. Ċertament din hija prassi li tintuża frekwentament pero' dak li trid tara l-esponenti u eventwalment din l-Onorabbli Qorti mal-finali sentenza m'huwiex x'inhi l-prassi jew l-istil ta' kif wieħed jagħżel li jikteb risposta ġuramentata u kontro-talba imma x'ried il-leġislatur u jekk in-nuqqas tal-lista tax-xhieda u d-dikjarazzjoni tal-fatti mar-risposta ġuramentata (iżda l-lista tax-xhieda tkun inkluża mal-kontro-talba biss) jrendux tali risposta ġuramentata u kontro-talba irritwali.*

*Mill-qari tal-Artikolu hawn ċtat li għandu jinqara wkoll fid-dawl tal-Artikolu 158(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jesiġi li jkun hemm lista tax-xhieda mar-risposta ġuramentata stante li l-Artikolu hawn fuq imsemmi jgħid hekk:*

***"Ir-risposta ġuramentata għandha tiġi konfermata bil-ġurament quddiem ir-reġistratur jew prokuratur legali maħtur bħala Kummissjunarju b'setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwaril-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament. Il-konvenut għandu wkoll jagħti l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi ħsiebu jġib u jiddikjara dwar kull wieħed minnhom xi prova jkun bi ħsiebu jagħmel bix-xiehda tagħhom. Flimkien mar-risposta ġuramentata għandhom jiġu ppreżentati dawk id-dokumenti kollha li jistgħu jinħtieġu biex isaħħu l-eċċezzjonijiet".***

*Dan allura jfisser li risposta ġuramentata (waħedha) għandha jkollha lista tax-xhieda magħha b'dan pero' li meta tiġi preżentata risposta ġuramentata u kontro-talba kontestwalment il-liġi ma tesiġix ad validitatem li jkun hemm żewġ listi ta' xhieda u konsegwentament l-esponenti ma tħossx li jkun ġust li jiġi dikjarat li r-risposta ġuramentata u l-kontro-talba huma irritwali. Dan qiegħed jingħad ukoll fl-ispirtu u fid-dawl tal-ġurisprudenza riċenti li tgħid li l-proċeduri u l-atti dejjem fejn hu possibbli għandhom jiġu sanati, fosthom il-kawża fl-ismijiet* ***Paul Cardoa u Natalie Cardona għal kull interess li jista' jkollha vs Kunsill Lokali Mellieħa*** *mogħtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' Novembru, 2018 (Rikors Ġuramentat Nru: 1051/2016 AF) fejn ġie dikjarat li:*

***"Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li sa fejn huwa possibbli, att ġudizzjarju għandu jiġi salvat u sanat u mhux annullat. Fil-każ fl-ismijiet Michael Attard nomine vs Raymond Galea, deċiż mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta" Mejju, 1998 intqal illi: "Bhala regola, skont il-gurisprudenza ormai stabbilita, l-atti kemm jista" jkun ghandhom jigu salvati biex issir gustizzja sostanzjali fil-mertu tal-kaz" u „kif gie ritenut minn dawn ilQrati, ir-rigorozita" procedurali, u il-formalizmu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza." (Aquilina vs Cassar – Vol. LXXVI.iv.666)".***

*11. <u>Is-Separazzjoni Personali</u>*

*L-esponenti tirrileva li minkejja li normalment din tkun talba li ż-żewġ partijiet jaqblu fuqha*

*għaliex it-tnejn li huma jkunu jaqblu li għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejniethom, f'din il-kawża partikolari jidher ċar li l-attriċi trid biss mod ta' kif ikun hemm ordni għal dak li jirrigwarda l-aspett finanzjarju pero' tagħmilha ċara li ma trid l-ebda separazzjoni personali – anzi temmen li ġialadarba jkun hemm tali ordnijiet allura l-partijiet jistgħu jgħixu flimkien b'mod feliċi. Min-naħa tiegħu l-intimat ma jikkondividix da nil-ħsieb b'dan li jressaq il-kontro-talba tiegħu għal talba ta' separazzjoni personali u jgħid li rikonċiljazzjoni bejniethom m'hijiex possibbli. Dan hu ħsieb li anke din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta qablet miegħu għaliex kif diġa' ġie rilevat aktar 'il fuq, permezz tad-Digriet tat-3 t'Ottubru 2014*[36] *kien diġa' rikonoxxut li l-partijiet ma kienux ser jaslu għal ftehim u kienu proprju għalhekk li l-mmedjazzjoni ta' bejniethom ġiet magħluqa u l-partijiet ġew awtorizzati jintavolaw il-kawża relattiva tagħhom kif fil-fatt ġara.*

*L-esponenti hija umilment tal-fehma li meta tara l-assjem tal-kawża u ċioe' anke d-diverġenza fil-ħsieb tal-partijiet dwar xi jridu mill-kawża (fejn l-attriċi tisħaq li ma tridx tissepara filwaqt li l-intimat jibqa' jikkontendi li s-separazzjoni personali hija l-unika triq għalihom), is-snin li ilha għaddejja tali kawża (minkejja li m'hijiex waħda ta' assi kbar jew kumplikazzjonijiet legali kbar), il-fatt li l-istess partijiet qatt ma waslu għal xi forma ta' ftehim jew rikonċiljazzjoni u l-fatt li ż-żewġ partijiet għadhom iżommu ferm mal-posizzjoni li ħadu fil-bidu tal-proċeduri m'hemm ebda dubju f'moħħ l-esponenti li s-separazzjoni personali għall-partijiet hija l-unika triq għalihom, se mai u fl-aħjar ipoteżi għaaż-żewġ partijiet minħabba inkompatibilita' ta' karattru.*

*F'dan l-istadju l-istess esponenti tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jsegwi hekk:*

***"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlobil-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfaltiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbligħax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".***

*Min-naħa tiegħu l-intimat jikkontendi li ż-żwieġ tfarrak b'mod irrimedjabbli minħabba inġurji gravi, sevizzi, theddid u moħqrija lejn żewġha kif ukoll minħabba inkompatibilita' ta' karattru kif ukoll minħabba l-fatt li ġiet mitluba mit-tabib tal-familja sabiex tfittex l-għajnuna ta' speċjalisti oħra minħabba l-attitudnijiet u l-burdati goffi tagħha iżda hi rrifjutat. L-esponenti tagħmel referenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet* **Scicluna Maria Dolores sive A vs Scicluna Anthony**[37] *fejn ġie ritenut li* ***"Sabiex tintalab is-separazzjoni ppersonali mhux meħtieġa li jikkonkorru l-eċċessi, is-sevizzji, it-theddid u l-inġurji gravi, iżda kull waħda minn dawn ir-raġunijiet waħedha hija suffiċjenti"*** *u zzid tgħid li* ***"il-liġi tqiegħed bħala motivi li jiġġustifikaw l-azzjoni l-espisodji saljenti tal-ħajja konjugali u hux inċidenti minuri….Għal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħażina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima".***

[36] Ara a fol 20 tal-proċess.
[37] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Cit Nru 1715/2001).

*Issir referenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet* ***Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond***[38] *u* ***Greengrass Hugh vs Greengrass Lucia***[39] *fejn ġie ritenut li* ***"Għal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħażina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima"*** *u żżid tgħid ukoll li* ***"Sabiex tiġi promossa t-talba għas-separazzjoni mhux meħtieġa kumulu ta' kawżali, kull waħda mill-kawżali ta' sevizji, it-theddid u l-inġurji gravi hija sufficjenti sabiex jiġu vjolati r-rigwardi tal-konvivenza konjugali"****.*

*L-esponenti hija moralment konvinta li l-partijiet qegħdin fi stadju fejn naturalment l-ebda konvivenza bħala konjuġi ma tista' tiġi prospettata tant li l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin. Dan qiegħed jingħad anke abbażi tal-fatt li l-partijiet issa ilhom snin jgħixu b'mod separate minn xulxin u jidher ċar li s-separazzjoni personali hija l-unika triq possibbli għalihom u għalhekk ċertament jirriżulta li hemm bażi għas-separazzjoni personali tal-aprtijiet għall-anqas ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta abbażi tal-fatt li ċertament* ***"il-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*** *Dwar ir-responsabbilita' għall-istess tkissir taż-żwieġ, l-esponenti ser tgħaddi l-kummenti tagħha fil-paragrafi segwenti.*

*12. <u>Ir-Responsabbilita' tas-Separazzjoni Personali</u>*

*Ġialadarba l-esponenti diġa' pprnunzjat ruħha dwar il-fatt li t-talba għal separazzjoni personali għandha tiġi milqugħa, l-esponenti issa ser tgħaddi sabiex tiddiskuti r-responsabbilita' u t-tort għal tali tkissit ta' żwieġ. Min-naħa tagħha l-attriċi m'hijiex konsistenti għaliex daqqa tikkontendi li ma tridx is-separazzjoni personali għaliex m'hemmx raġuni għala u daqqa tgħid li l-problemi huma minħabba r-relazzjoni tal-intimat mal-bint D. L-esponenti umilment tissottometti li ma tagħtix kredibilita' lill-verżjoni li l-problemi ta' bejniethom hu minħabba r-relazzjoni tal-intimat mal-bint fis-sens li dan hu b'xi mod attribwibbli lill-istess intimat – speċjalment minħabba –fatt li l-attriċi tippreżenta numru ta' akkużi mibgħuta lill-bint stess fejn ġiet akkużata li kienet hi li ġebbet jew inġurja lil missierha*[40]*. L-esponenti tifhem li r-relazzjoni ta' bejn il-missier u l-bint setgħet kienet diffiċli pero' m'hemm ebda prova li turi li l-intimat kellu xi forma ta' tort jew jista' jingħata r-responsabbiita' għat-tifrik taż-żwieġ fuq tali relazzjoni bejn il-bint u l-missier. Anzi mill-atti jirriżulta li din ir-relazzjoni marret għall-aħjar tant li l-wild tgħix ma' missierha.*

*L-esponenti umilment tirrileva li l-partijiet waslu biex jisseparaw għaliex il-koabitazzjoni tagħhom ma baqgħetx iktar possibbli u dan anke minħabba inkompatibilita' ta' karattru. Mill-qari tal-affidavit ta' D B*[41] *jirriżuta li l-koabitazzjoni tal-partijiet kienu pjuttost turbolenti – altru milli ma kien hemm ebda raġuni għala l-partijiet jisseparaw (kif tikkontendi l-attriċi). L-abbuż verbali u fiżiku li ssemmi D B flimkien mal-abbuż relatat ma tixwix kontra missierha jwasslu lill-esponenti għall-konklużjoni li l-attriċi m'hijiex qed tagħti stampa ċara ta'*

[38] Deċiża nhar it-2 t'Ottubru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Rik Ġur Nru 1396/2001).
[39] Deċiża nhar it-2 t'Ottubru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Rik Ġur Nru 98/2002).
[40] Ara a fol 62 sa 65 tal-proċess.
[41] Esebit a fol 93 tal-proċess.

*x'verament kien jiġri fid-dar matrimonjali. Apparti minn hekk, D B tikkorrabora wkoll dak li jgħid missierha u ċioe' li ommha kienet ossessjonata bl-oroskopju u fuq it-tabib Dr. Nicholas Vassallo. Il-fatt li D B tikkonferma meta kienet tgħix ma' missierha, ħajjitha marret għall-aħjar meta kkumparata mal-ħajja li kellha m'ommha jkompli jitfa' aktar dawl fuq il-fatt li l-attriċi kkontribwixxiet bil-qawwa għas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet u li għalhekk, abbażi ta' dan, l-esponenti umilment tissottometti li r-responsabbilita' għat-tifrik taż-żwieġ għandha tingħata lill-istess attriċi. Hu minnu li jidher li l-istess wild m'għadhiex tgħix mal-intimat missierha pero' jidher li dan hu dovut mhux għal xi aġir jew nuqqas da parti ta' missierha iżda għaliex m'hemmx xi relazzjoni tajba ħafna mal-partner ta' missierha E.*

*13. <u>Dwar l-Applikazzjoni tas-Sanzjonijiet Kontemplati fil-Liġi</u>*

*Abbażi ta' dak suespost u abbażi tal-fatt li fl-umli opinjoni tal-esponenti, r-responsabbilita' taż-żwieġ għandha taqa' fuq l-attriċi, allura s-sanzjonijiet kontemplati fil-liġi għandhom jiġu applikati fil-konfront tagħha. Għal kull buon fini jingħad li fl-opinjoni tal-esponenti, għandu jiġi applikat l-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tagħha, liema Artikolu jgħid hekk:*

***"(1) Il--parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firdagħal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –***
***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u827;***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjonibi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illijkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara datastabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandhatkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributib'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ".***

*Għal kull buon fini l-esponenti tirrileva li tali sanzjonijiet, speċjalment dawk imsemmija f'Artikolu 48(b) ċitat hawn fuq huma kkonsidrati fil-porzjonijiet diviżi bejn il-partijiet.*

*14. <u>Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

*Mill-atti jirriżulta li l-partijiet għandhom proprjeta' immobbli waħda u ċioe' d-dar matrimonjali fil-Mellieħa (naturalment bil-mobbli fiha) li ġġib l-indirizz ta' 5 El Shaddai, Cross Street, Mellieħa, kontijiet bankarji li huma sekwestrati u ċioe' kont savings mal-Bank of Valletta 40020265319 (kont konġuny f'isem il-partijiet imma li jsejjaħ ukoll lill-binthom D B) u jont ieħor f'isem l-intimat mal-Bank of Valletta bin-numru 40022669146. Hemm ukoll żewġ vetturi u ċioe' Maruti bin-numru ta' reġistrazzjoni JBF962 li hija f'isem l-attriċi u Opel Astra bin-numru ta' reġistrazzjoni ABL523 f'isem l-intimat.*

*L-esponeti tirrileva li fl-atti m'hemm ebda stima jew indikazzjoni dwar il-valur tal-proprjeta' immobbli li għandhom il-partijiet. Jidher li kien hemm zmien fejn l-intimat kien wera interess li jixtri sehem l-attri1i minn tali dar iżda dan qatt ma avvera ruħu. Fid-dawl ta' dan l-esponenti umilment tissottometti li d-dar proprjeta' immobbli għandha titpoġġa għall-bejgħ fuq is-suq miftuħ b'dan li l-partijiet għandhom iqabdu 3 estate agents imqabbda wieħed mill-attriċi, wieħed mill-intimat u ieor maqbul bejniethom sabiex issir stima tal-istess dar u jittieħed average tal-valur mogħti minnhom u dan fi żmien massimu ta' xahrejn mid-data tas-sentenza. F'każ li l-partijiet ma jaslux biex jagħmlu dan allura din l-Onorabbli Qorti għandha tinnomina fis-sentenza Perit għal da nil-għan li għandu jitħallas b'mod ugwali mill-partijiet u abbażi ta' tali stima, id-dar titpoġġa għall-bejgħ u r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet. L-intimat jibqa' jżomm ir-right of first refusal sabiex jixtri sehem l-attriċi minn tali proprjeta' abbażi tal-fatt li hu jaħdem u għalhekk għandu introjtu u abbażi tal-fatt li wera interess li jakkwista tali proprjeta'.*

*Kwantu għall-flus fil-Bank jidher li hemm żewġ kontijiet li flimkien ilaħħqu għal €17,332.11 li huma sekwestrati*[42]*(għalkemm wieħed minnhom hu kont abbinat mal-wild) u l-esponenti taqbel li l-imsemmija kontijiet għandhom jiġu maqsuma b'mod ugwali bejn il-partijiet b'dan pero' li l-wild D tieħu s-somma ta' €8000.*

*Kwantu għall-vetturi stante li fl-atti m'hemm ebda valutazzjoni tal-istess u donnu l-attriċi m'hijiex qed tikkontesta l-fatt li kull wieħed u waħda minnhom għandha żżomm il-vettura li tuża, allura l-esponenti taqbel li l-attriċi tiġu assenjata l-vettura Maruri bin-numru ta' reġistrazzjoni JBF962 li hija f'isem l-attriċi filwaqt li l-intimat jiġi assenjat l-Opel Astra bin-numru ta' reġistrazzjoni ABL523 li hija f'ismu.*

*15. Id-Dritt li l-Intimat jgħix fid-Dar ġia Matrimonjali*

*L-esponenti umilment tissottometti li minkejja tali talba ad hoc da parti tal-intimat jidher ċar li matul il-kors tal-kawża biddel fehmtu fis-sens li jikkontendi li d-dar matrimonjali għandha tinbiegħ b'dan li r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Abbażi ta' dan u abbażi tal-fatt li l-esponenti espremiet l-opinjoni tagħha dwar kif għandha tiġi stmata d-dar matrimonjali u li l-intimat għandu jingħata d-dritt ta' right of first refusal fuq l-istess dar ma tarax għala għandha tidħol fil-kwistjoni ta' min għandu jgħix fl-istess dar meta din ser titpoġġa fuq is-suq miftuħ għall-bejgħ.*

*16. Kura u Kustodja ta' D*

*Illi l-esponenti tirrileva li talbiet relatati mal-kura u l-kustodja tal-minuri għandhom dejjem jiġu deċiżi skond il-prinċipju ta' x'inhu fl-aħjar interessi tal-minuri. F'dan l-istadju l-esponenti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet* ***M. Bonnici vs Onor J. Raynaud***[43] *fejn ġie dikjarat li "il-prinċipju li għandu jipprimeġġja, meta l-Qorti tiġi biex tagħti provvediment dwar il-kura*

[42] Ara Dok. AS1 esebit a fol 110 tal-proċess.
[43] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili 1947, Vol. 33D 1947.

*tat-tfal huwa dak li huwa suġġerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għall-interess tal-istess tfal" kif ukoll għall-kawża fl-ismijiet* ***Dr. V. Randon vs J. Randon***[44] *u* ***Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino***[45] *fejn ġie ritenut li* ***"r-regola ġenerali f'din il-materja hi l-aħjar interess u vantaġġ tat-tfal"****.*

*Tenut kont ta' dak suespost, dawn kienu l-prinċipji li neċessarjament wasslu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fil-mori tal-kawża odjerna tagħti provvedimenti pendente lite dwar il-kura u l-kustodja tal-istess wild. Tali digrieti pendente lite ser jissemmew f'dan ir-rapport għal finijiet ta' kompletezza stante li llum-il ġurnata l-wild hija maġġorenni.*

*B'mod kronoloġiku jingħad li permezz ta' digriet datat it-3 t'Ottubru 2014 din l-Onorabbli Qorti ordnat lill-intimat iħallas manteniment għal martu kif ukoll anteniment għall-bintu D, liema Digriet ma jsemmi xejn dwar residenza tal-istess ulied jew kura u kustodja pero' stante li kien l-intimat li ġie ordnat iħallas tali manteniment, wieħed jista' jiddeduċi li r-residenza tal-minuri kienet mal-attriċi omm. Permezz ta' Digriet datat l-20 t'Awwissu 2015 l-manteniment dovut mill-intimat għall-minuri ġie revokat, ġie ordnat li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri tkun vestita f'idejn l-intimat u ġie ordnat ukoll li r-residenza tal-istess miuri tkun mal-intimat missierha fid-dar tan-nanniet paterni jew f'kull post ieħor li jkun qed jgħix l-istess intimat.*

*Stante li fiż-żmien li qed jiġi redatt ir-rapport odjern il-wild D diġa' hija maġġorenni m'hemmx lok li wieħed jiddiskuti kwistjonijiet ta' kura u kustodja għall-istess wild għaliex din hija kwistjoni survolata.*

*17. Aċċess*

*L-esponenti tirrileva li kif diġa' ġie kkonstat, il-wild tal-partijiet D illum=il ġurnata hija adulta u għalhekk l-ebda ordni ta' aċċess ma tista' tingħata. Madanakollu l-istess esponenti ser telenka x'jirriżulta mill-istess atti għal finijiet ta' kompletezza.*

*L-attriċi ntavolat rikors*[46] *u li permezz tiegħu talbet li jkollha aċċess għal bintha preferibbilment nhar ta' Sibt għal siegħa fl-Għassa tal-Pulizija tal-Mosta fejn toqgħod il-minuri (b'dan li sussegwentament permezz ta' nota ġie suġġerit li tali aċċess isir fl-Aġenzija Appoġġ). Tali talba ġiet miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' Digriet datat l-1 mt'April 2016 wara li ġiet appuntata wkoll Dr. Tanya Sammut Catania bħala Avukat tat-Tfal biex tirrelata dwar tali rikors u talba. Ġie dikjarat ukoll li kwalukwe aċċess tal-omm għall-minuri jsir biss jekk u meta tixtieq l-istess minuri.*

*Fiċ-ċirkostanzi l-esponenti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din t-talba li ormai ġiet eżawrita biż-żmien.*

---

[44] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċifili 1972.
[45] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili 1972.
[46] Liema rikors hu datat il-11 ta' Frar 2016 u jinsab esebit a fol 54 tal-proċess.

*18. <u>Manteniment għall-Bint D</u>*

*L-esponenti tirrileva li kif diġa' ġie kkonstat, il-wild tal-partijiet D illum-il ġurnata hija adulta iżda stante li għadha taħt l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) stante li jirriżulta li la tgħix mal-attriċi ommha u lanqas mal-intimat missierha, allura l-manteniment relattiv għaliha (dejjem jekk huma sodisfatti r-rekwiżiti għall-ħlas ta' manteniment għaliha) għandu jitħallas direttament lill-istess wild u dan b'mod ugwali bejn il-ġenituri tagħha.*

*Mill-atti, anzi aħjar mill-affidavit ta' D B (li pero' m'huwiex daqshekk riċenti) hemm indikazzjoni ċara li qiegħda tistudja. Għalhekk l-esponenti tiddiara li f'każ li fil-preżent l-wild D B qiegħda tisudja fuq bażi fullt-time jew f'xi waqt sakemm tagħlaq l-eta' massima ta' 23 sena tkun qiegħda tistudja fuq bażi full-time allura l-partijiet ġenituri tagħha għandhom jikkonyribwixxu għaliha billi jħallsu kwantu għal €200 kull wieħed kull xahar li għandu jgħola kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, liema pagament għandu jsir direttament lill-istess wild. F'każ li l-istess wild terġa' tmur tgħix ma' xi wieħed jew waħda mill-ġenituri tagħha, allura dak il-ġenitur li ma jkunx qed iżomm lill-wild tgħix miegħu jew magħha għandu/għandha tħallas manteniment ta' €200 fix-xahar li għandu jgħola kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, sakemm tali wild tkun qed tistudja fuq bażi full-time jew tagħlaq l-eta' massima ta' tlieta u għoxrin (23) sena, skond liema eventwalita' sseħħ l-ewwel.*

*<u>Konklużjoni</u>*

*Illi għalhekk, mill-provi kollha prodotti u fil-fehma umli ta' l-esponenti, din l-Onorabbli Qorti għandha, filwaqt li tidderiġi lill-attriċi sabiex tippreżenta kopja legali tal-ittra ta' medjazzjoni u d-Digriet relattiv li permezz tiegħu tikkontendi li ġie awtorizzata tintavola l-kawża odjerna sabiex l-atti jkunu integri u proċeduralment korretti:*

1. *Tilqa' l-ewwel talba attriċi limitatament kwantu għal dak li jirrigwarda l-manteniment għall-wild D skond kif spjegat aktar fid-dettall fil-paragrafu intitolat 'Manteniment għall-Bint D' u tiċħad il-kumplament tal-ewwel talba attriċi;*

2. *Tiċħad it-tieni talba attriċi;*

3. *Tilqa' limitatament it-tielet talba attriċi kwantu għal dak li jirrigwarda l-awment tal-manteniment għall-wild D skond il-modalitajiet u skond kif spjegat atar fid-dettall fil-paragrafu intitolat 'Manteniment għall-Bint D';*

4. *Tiċħad ir-raba' talba attriċi stante li l-ispejjeż għandhom jiġu sapportati mill-attriċi stess peress li r-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ qed tiġi attribwita lill-istess attriċi;*

5. *Tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali u tippronunzja s-separazzjoni personali tal-partijiet minħabba raġunijiet li huma attribwibbli għall-attriċi;*

6. *Tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali limitatament skond il-modalitajiet hekk kif spjegati aħjar fil-paragrafu intitolat 'Dwar l-Applikazzjoni tas-Sanzjonijiet Kontemplati fil-Liġi';*

7. *Tilqa' t-tielet talba rikonvenzjonali;*

8. *Tilqa' r-raba' talba rikonvezjonali skond il-modalitajiet hekk kif spjegati aħjar fil-aragrafu intitolat 'Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti';*

9. *Tilqa' l-ħames talba rikonvenzjonali b'dan li għandu jiġi nominat Nutar limitatament biss f'każ li l-intimat jagħżel li jagħmel użu mid-dritt ta' right of first refusal għall-akkwist tal-intier tal-istess dar u jiġu nominate kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil xi wieħed jew waħda mill-partijiet li ma jidhrux fuq latt finali rigward id-dar proprjeta' immobbli u dan kemm f'każ li l-intimat jakkwista sehem l-attriċi minn tali dar u kemm f'każ li din tinbiegħ lil terzi;*

10. *Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-stt talba rikonvenzjonali stante li l-partijiet ma ressqu ebda prova dwar l-istess;*

11. *Tiċħad is-seba' talba rikonvenzjonali;*

12. *Tiċħad it-tmien talba rikonvenzjonali;*

*Bl-ispejjeż kontra l-attriċi.*

Hekk kif jixhed is-suespost, il-Qorti tinsab tal-fehma li l-Perit Legali ħadet konsiderazzjoni profonda u akkurata tax-xiehda u d-dokumenti kollha esebiti fil-mori ta' din il-kawża. Il-Qorti evalwat bir-reqqa l-imsemmi rapport u għandha l-konvinċiment morali sħiħ li l-Perit Legali qdiet bis-sewwa l-obbligu tiegħu u pprovdiet lil Qorti bi stampa ċara tal-mertu tal-każ odjern. Madanakollu l-Qorti xorta waħda hija tal-fehma illi ikun idoneju li tagħmel l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet tagħha.

## KONSIDERAZZJONIJIET PRELIMINARI:

Fir-rigward tal-kwistjoni kif sollevati mill-Perit Legali fir-rapport tagħha u ċjoe' *'tal-irritwalita' u n-nuqqas ta' sostenibbilita' tat-talbiet attriċi fid-dawl tal-fatt li ma titlobx is-separazzjoni personali'* u kif ukoll tal-kwistjoni illi *'l-parametri tal-istess medjazzjoni m'humiex magħrufa'* stante illi *'l-attriċi tikkontendi li ma tridx separazzjoni filwaqt li l-intimat jintavola kontro-talba għal separazzjoni u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti fost talbiet oħrajn'*, il-Qorti permezz ta' digriet datat 29 ta' Marzu 2022 u abbażi tal-Artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-

Liġijiet ta' Malta, ordnat illi, *inter alia*, jiġu eżebiti l-atti kollha tal-medjazzjoni kif ukoll jiġi indikat l-artikolu tal-liġi li fuqu qiegħda tibbaża l-azzjoni tagħha l-attriċi, sabiex b'hekk il-Qorti tkun f'pożizzjoni li tifhem aħjar l-intendiment tal-partijiet. Fid-dawl ta' dan:

i. L-attriċi permezz ta' risposta datata it-30 ta' Ġunju 2022 saħqet illi: *"diġa' hemm kopja tad-digriet tal-għeluq tal-medjazzjoni"*,[47] u li *"għandu jingħad illi fil-kawżi kollha ta' separazzjoni fejn il-mara ma tkunx qed taħdem, titlob il-manteniment. Id-dritt tal-manteniment ma ntilef bl-ebda liġi. Biżżejjed wieħed jagħmel refereza għall-ewwel artikli tal-Kodiċi Ċivili dwar il-manteniment dovut u lil min. Issir referenza għall-Ariklu 2(2) u 3 tal-Kodiċi Ċivili, qed issir referenza għas-sentenza tat-8 ta' Jannar 1965 tal-Qorti tal-Appell, Marianna Gauci vs Nazzareno Gauci nomine fejn hemm il-kwistjoni tal-manteniment jew alimenti deċiżi ope iudicis jiġifieri b'sentenza tal-Qorti. Fuq kollox skont l-Avviż Legali 12/20 proprijament Avviz Legali 396 tal-2003 jagħti gurisdizzjoni fuq manteniment lil Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) peress li Titlu I jinkrpora dawn il-jeddijiet"*;[48]

ii. Il-konvenut permezz ta' risposta datata 7 ta' Lulju 2022, ippreżenta *inter alia*: (i) korrispondenza bejn il-partijiet datata 9 ta' Ottubru 2013 fejn jidher li l-kwistjoni kienet titratta separazzjoni hekk kif il-kwistjonijiet elenkati kienu l-kura u kustodja tal-minuri, manteniment u dak kollu li jifforma l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet,[49] u (ii) ittra għal ftuħ tal-medjazzjoni datata 2 ta' Settembru 2014 u ppreżentata mill-attriċi, fejn ingħad illi *"minkejja kull tentattiv, l-ebda rikonċiljazzjoni ma rnexxiet. (...) Barra minn hekk hemm sevizzi u nġurji gravi kontra martu minn C B"*.[50] Barra minn hekk u fir-rigward ta' dak sottomess mill-attriċi rigward l-artikolu li abbażi tiegħu hija qiegħda tippernja l-azzjoni tagħha, l-konvenut jisħaq illi *"mela anke l-istess attriċi tifhem u tammetti li anke ittalba attriċi hija waħda magħmula f'qafas u f'kuntest ta' kawża ta' separazzjoni. U din is-separazzjoni kienet ilha tinhema kif jirriżulta minn Dok 1 anness. (...) Illi għalhekk huwa evidenti li meta ingħata id-digriet tat-03/10/2014 biex il-partijiet jiġu awtorizzati jipproċedu fil-Qorti, kull parti setgħet tiftaħ il-kawża li riedet konnessa ma' dan iż-żwieġ li tkisser u għalhekk konnessa*

[47] Fol. 197.
[48] Fol. 197, 198.
[49] Fol. 202.
[50] Fol. 203.

*ukoll mas-separazzjoni li evidentement kienet l-unika triq li kien fadal. Illi f'dan s-sens ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Abigail Critien kien korrett f'dan is-sens – kienet il-kontro-talba stess ta' separazzjoni li offriet il-bażi li fuqu l-attriċi setgħet titlob il-manteniment".*[51]

Il-Qorti tikkonferma illi l-parametri li fihom ġiet inizjata l-proeċedura ta' medjazzjoni kienet proprju dawk ta' separazzjoni hekk kif ikkorraborat bil-korrispondenza bejn il-partijiet, kif ukoll l-ittra li tat bidu lill-istess proċeduri. Madanakollu huwa stat ta' fatt illi l-attriċi konsegwentament ipproċediet bl-azzjoni tagħha fejn saħqet illi *"hu meħtieġ illi jiġu stabbiliti l-kwistjonijiet tal-finanzi bejnietna"* filwaqt li tikkonferma li *"ma għandi l-ebda intenzjoni li nipproċedi għas-separazzjoni".* Pero' l-Qorti tara li l-pożizzjoni tal-attriċi ma hijiex konsistenti, hekk kif konsegwentament fl-aħħar risposta tagħha u dan wara l-provvediment tal-Qorti tad-29 ta' Marzu 2022, hija tgħid illi *"fil-kawżi kollha ta' separazzjoni fejn il-mara ma tkunx qed taħdem, titlob il-manteniment"*, u dan għaliex tali drit jinsab imsaħħaħ permezz ta' Artikolu 2(2)[52] u 3[53] tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk jiġi mifhum illi bħal donnu l-azzjoni odjerna ġiet intavolata mill-attriċi fil-parametri ta' separazzjoni – madanakollu huwa inkonfutabbli li l-intiża tal-attriċi ma kienetx dejjem tali, iżda l-azzjoni in eżami ħadet din ix-xejra bis-saħħa tal-kontro-talba kif imressqa mill-konvenut. Għalhekk u stabbilit il-premess, il-Qorti tara illi fil-kuntest tal-kontro-talba fejn il-konvenut qiegħed jitlob is-separazzjoni personali tal-partijiet u kif ukoll sabiex jiġu regolati l-effetti konsegwenzjali tal-istess, it-talbiet tal-attriċi jistgħu jiġi deċiżi għajr għal għat-tieni talba, hekk kif qalet tajjeb il-Perit Legali tali talba lanqas f'kuntest ta' separazzjoni ma tista' tittiehed in konsiderazzjoni, u b'hekk tara li tali talba fi kwalunkwe każ hija improponibbli, irritwali u insostenibbli.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni kif sollevata mill-attriċi fir-risposta tagha għall-kontro-talba tal-konvenut, ċjoe' *'l-irritwalita' tar-risposta ġuramentata u l-kontro-talba hekk kif ir-risposta ġuramentata ma hijiex segwita bid-dikjarazzjoni tal-fatti u bil-lista tax-xhieda, iżda l-konvenut kompla mill-ewwel bil-kontro-talba, u għaldaqstant hemm biss lista tax-xhieda waħda'*. F'dan il-kuntest il-Qorti

[51] Fol. 200, 201.
[52] Il-miżżewġin għandhom jeddijiet indaqs u jerfgħu responsabbiltajiet indaqs matul iż-żwieġ tagħhom. Għandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.
[53] Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja.

taqbel perfettament mal-konklużjoni tal-Perit Legali u tagħmel tagħha l-istess konsiderazzjonijiet.

Madanakollu u għal kull buon fini, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Cassar & Schembri Co. Ltd. vs. Philip Sultana et**,[54] fejn ġie mgħallem illi *"Hu minnu li mac-citazzjoni m'hemmx il-lista tax-xhieda. Dan in-nuqqas ma jwassalx ghan-nullita' tac-citazzjoni izda suppost ghall-konsegwenza li l-attur ma jkunx jista' jressaq ebda xhud (Artikolu 156 tal-Kap. 12). (...) Mill-atti ma jirrizultax li l-qorti tat xi provvediment. In vista tal-fatt li l-provi nstemghu kollha u llum qeghda tinghata s-sentenza, m'hemmx lok li jinghata xi provvediment. Ma jirrizultax li fis-seduta li fihom nstemghu xhieda li ressqet l-attrici, giet registrata xi oggezzjoni mill-konvenuti. Anzi jirrizulta li sar ukoll kontro-eżami. Ghalhekk l-eccezzjoni ta' nullita' ser tigi michuda".*

Għalhekk il-Qorti tara li tista' tapplika dan l-insenjament għall-każ odjern, u fil-fatt tevalwa illi: (i) il-provi tal-konvenut nstemgħu kollha, (ii) fis-seduti li fihom instemgħu x-xhieda mresqa mill-konvenut ma jidhirx li ġiet reġistrata xi oġġezzjoni mill-attriċi, anzi sar ukoll il-kontro-eżami, u (iii) il-kawża tħalliet għas-sentenza, tant li qiegħda tingħata llum stess. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti qiegħda tiċħad tali eċċezzjoni.

## KONSIDERAZZJONIJIET FIL-MERTU:

### 1. L-Azzjoni Odjerna:

Permezz tal-azzjoni odjerna il-Qorti tara illi f'dan il-każ partikolari ma hemmx qbil bejn iż-żewġ partijiet illi tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejniethom. Fil-fatt:

a. Permez tar-rikors promotur l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

(i) Tiffissa retta alimentari għall-attriċi u għal bintha skont il-qligħ tal-konvenut, liema manteniment għandu jirrifletti l-għoli tal-ħajja, il-bżonnijiet tal-minuri u tad-dar konjugali,

[54] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, nhar is-17 ta' Mejju 2013, (Rikors Ġuramentat Numru 268/2003 AE), mhux appellata.

(ii) Tiffissa ammont mis-salarju tal-istess konvenut li għandu jiġi assenjat lilu għall-bżonnijiet tiegħu u l-bqija jitqiegħed f'kont bankarju konġunt li jappartjeni lil komunjoni tal-akkwisti u li tali somma ma tkunx tista' tiġi rtirata ħlief kif provdut mil-liġi jew skont kif tistabbilixxi l-Qorti, u

(iii) Tordna li l-ispejjeż tal-kawża inkluż dawk tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 232/2014 jitħalsu mill-konvenut, u

b. Permezz tat-talba rikonvenzjonali tiegħu l-konvenut qiegħed jitlob lil Qorti sabiex:

(i) Tippronunzja s-separazzjoni personali, dan għandu jsir billi in kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, l-Qorti tiddikjara li l-ħtija għandha tiġi attribwita unikamet lill-attriċi minħabba ħtijiet imputabbli lilha minħabba theddid, minaċċji, inġurji gravi, sevizzi, moħqrija u inkompattibilita' fil-karattru;

(ii) Tiddikjara u tordna li l-attriċi tilfet dawk id-drittijiet kontemplati f'Artikolu 631, 633, 633A, 825, 826 u 827, filwaqt li tapplika kontra l-attriċi is-sanzjonijiet elenkati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

(iii) Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam listess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, u dan wara li fl-ewwel lok jiġu dikjarati u assenjati lilu u anke lill-attriċi dawk il-flus u/jew oġġetti parafernali, kif ukoll billi jingħataw lil konvenut dawk l-akkwisti li saru bil-ħidma tiegħu jew li tahom lill-attriċi b'donazzjoni jew xi titolu ieħor;

(iv) Tiddeċiedi dwar il-kura u kustodja tal-minuri Marah B, billi tordna li tali kura u kustodja tiġi assenjata esklussivament f'idejn il-konvenut;

(v) Tordna li l-konvenut jibqalu d-dritt li jkompli jirrisjedi fid-dar matrimonjali flimkien ma' bintu u dan ad eskluzjoni tal-attriċi.

Għaldaqstant, il-Qorti rat li l-intenzjoni primarja tal-attriċi hija li tirregola l-aspett finanzjarju tal-partijiet mingħajr ma titlob li sseħħ is-separazzjoni personali, u

tara ukoll li l-konvenut ma jaqbilx mal-ħsieb tal-attriċi, hekk kif fil-fatt ressaq kontro-talba fejn talab is-separazzjoni personali tal-partijiet u kif ukol li jiġu regolati l-effetti konsegwenzjali ta' tali separazzjoni. F'dan il-kuntest kemmxejn differenti mis-soltu, il-Qorti tara illi sa mill-2013 kien evidenti li ma kienx hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u l-intenzjoni tagħhom kienet proprju li jisseparaw minn xulxin, tant li l-Qorti awtorizzathom jipproċedu b'azzjoni legali sabiex jiksbu tali firda.

## 2. Ir-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ:

*<u>Il-Verżjoni tal-Konvenut u l-Provi Mresqa Minnu:</u>*

Din it-talba ġiet imresqa biss mill-konvenut, fejn jikkontendi illi tali responsabbilita' hi imputabbli unikament lill-attriċi u dan minħabba inġurji gravi, sevizzi, theddid u moħqrija fil-konfront tiegħu. Madanakllu, a skans ta' ripetizzjoni żejda, il-Qorti mhux ser tirreplika tali verżjoni u l-provi mresqa minnu, in vista tal-fatt li dan kollu diġa' jinsab fir-rapport tal-Perit Legali, riprodott hawn fuq fl-intier tiegħu.

*<u>Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern:</u>*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal każ odjern.

*a. <u>Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Minaċċji, Moħqrija, Sevizzi u Offizi Gravi</u>*

Fl-ewwel lok il-Qorti tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

Il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[55] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[56] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[57] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offiżi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom"*, filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima"*.[58]

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern*

Stabbilit il-qafas legali, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tapplika l-prinċipji hawn fuq imsemmija għal każ odjern. Il-Qorti wara li rat l-atti odjerni kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-Perit Legali, hija tasal għall-istess konklużjoni tal-Perit Legali u ċjoe' illi: (i) l-attriċi ma hijiex konsistenti fil-verżjonijiet tagħha u għalhekk ma hijiex kredibbli meta tittenta titfa' dell ikrah fuq żewġha, u (ii) is-separazzjoni *de facto* tal-partijiet seħħet proprju għaliex il-koabitazzjoni tagħhom ma baqgħatx possibbli u dan *in primis* minħabba inkompattibilita' ta' karattru. Il-Qorti tara ukoll illi l-affidavit ta' bint il-partijiet għandu jingħata piż probatorju, li tispjega li l-koabitazzjoni tal-partijiet kienet waħda diffiċli, mimli b'abbuż

[55]Deċi - ża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[56]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[57]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[58]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.

verbali u fiżiku, fejn l-attriċi kienet ixxewwex lil bintha kontra missierha. Għalhekk, il-Qorti ukoll bħal Perit Legali hija konvinta li l-attriċi mhux qed tipprovdi stampa ċara ta' dak li kien iseħħ fid-dar matrimonjali matul il-ħajja miżżewġa. Magħdud ma' dan, l-istess bint tikkonferma l-verżjoni ta' missierha illi ommha kienet ossessjonata fuq Dr Nicholas Vassallo kif ukoll fuq l-oroskopju. Il-Qorti tara li ma għandhiex ma temminx il-verżjoni ta' bint il-partijiet, kif ukoll meta tgħid li ħajjitha marret għall-aħjar meta marret tgix ma' missierha.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija konvinta illi t-tifrik taż-żwieġ seħħ primarjament minħabba n-nuqqas ta' kompattibilita' fil-karattru, kif ukoll inġurji gravi minħabba l-ossessjonijiet u attitudnijiet bla bażi tal-attriċi. Għalhekk il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante inkompatibbilita' fil-karattru u inġurji gravi da parti l-attriċi, b'dana illi l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għadhiex iktar possibbli għaliex iż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli.

## 2. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Attriċi:

Il-konvenut jitlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' martu d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili. Barra minn hekk il-konvenut jitlob ukoll illi l-attriċi għandha titlef dawk id-drittijiet elenkati f'Artikolu 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti tirrileva li Artikolu 48 subinċiż (1)(a) tal-Kodiċi Ċivili jagħmel referenza għal dawk id-drittijiet li elenka il-konvenut, għajr għal Artikolu 633A, liema artikolu ma jiffurmax parti mill-Kodiċi Ċivili nostrana.

Stabbilit il-premess, il-Qorti tirribadixxi illi l-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern l-attriċi hija ħatja ta' inkompattibilita' ta karattru u nġurji gravi, u l-Qorti hija tal-fehma lifiċ-ċirkostanzi odjerni u bi tħaddim tad-diskrezzjoni mogħtija lilha hija għandha

tilqa' t-talba tal-konvenut f'dan ir-rigward u tapplika fil-konfront tal-attriċi s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, inkluż li tingħata manteniment minngħand żewġha.

## 3. Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:

Miż-żwieġ bejn il-partijiet twieldet tifla waħda, ossija D B, nhar it-13 ta' Jannar 2000.[59] Dan ifisser illi fil-preżent bint il-partijiet għandha tnejn u għoxrin (22) sena u hija maġġorenni. Għalhekk fil-mori tal-kawża bint il-partijiet saret maġġorenni u ma għadx fadal lok għal din il-Qorti li tiddeċiedi l-kwistjoni tal-kura, kustodja u aċċess ta' bint il-partijiet stante li l-mertu tal-istess ġie eżawrit.

Magħdud ma' dan, il-Qorti tara ukoll illi bint il-partijiet qiegħda taħdem u dan kif jirriżulta mir-rieżami tagħha miżmum nhar l-4 ta' Novembru 2019.[60] Għaldaqstant f'dan il-kuntest il-Qorti ma taqbilx mal-konklużjoni tal-Perit Legali għaliex fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemm l-ebda dubju li bint il-partijiet mhux qiegħda tistudja iżda tinsab ingaġġjata f'impjieg u indipendenti finanzjarjment. B'hekk it-talba tal-attriċi għal manteniment ta' bintha mhux ser tiġi kkunsidrata stante li din ukoll ġiet eżawrita fil-mertu tal-kawża.

## 4. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar l-14 ta' Diċembru 1991, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet,[61] u dan ġialadarba ma ġiex ippruvat illi bejn il-partijiet qiegħed jadopera tip ta' reġim differenti.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

---

[59] Fol. 16.
[60] Fol. 129.
[61] Ara l-Att taż-Żwieġ bin-numru 2374 tas-sena 1991, a fol. 15.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Fir-rigward tal-dar matrimonjali bl-indirizz ta' *'5, El Shaddai, Cross Street, Mellieħa'*, il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Perit Legali illi din għandha titpoġġa għall-bejgħ fis-suq miftuħ bi prezz maqbul bejn il-partijiet jew bi prezz stabbilit permezz ta' *average* ta' valutazzjoni ta' 3 *estate agents* li jinġiebu wieħed minn kull parti u wieħed bi ftehim bejniethom, b'dana li jittiehed l-*average* tal-valur mogħti minnhom u dan fi żmien massimu ta' xahrejn minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat. Fin-nuqqas ta' dan, il-Qorti tinnomina lill-Perit Dr. Robert Musumeci sabiex hu stess jagħmel din l-istima, u d-dar matrimonjali titpoġġa għall-bejgħ abbażi tali stima, b'dana li l-imsemmi Perit għandu jitħallas b'mod ugwali mill-partijiet. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tordna li l-konvenut għandu jkollu d-dritt ta' *right of first refusal* għall-istess prezz offrut lil terzi, u r-rikavat għandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Fid-dawl ta' tali ordni, il-Qorti tara li b'hekk ma hemmx lok illi tikkonsidra t-talba tal-konvenut ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili sabiex jingħata d-dritt li jgħix fid-dar matrimonjali flimkien ma' bintu u dan ad esklużjoni tal-attriċi.

Fir-rigward tal-kontijiet bankarji, il-Qorti ukoll taqbel mal-konklużjoni tal-Perit Legali u ċjoe' illi D B għandha *in primis* tiġi assenjata s-somma ta' €8,000, filwaqt li kull somma rimanenti għandha tinqasam ugwament bejn il-partijiet.

Fir-rigward tal-vetturi, il-Qorti ukoll taqbel illi kull parti għandha tibqa' żżomm fik il-vettura li tagħmel użu minnha, ċjoe' l-attriċi għandha tiġi assenjata l-vettura tat-tip Maruti bin-numru ta' reġistrazzjoni JBF-962, filwaqt li l-konvenut jiġi assenjat il-vettura tat-tip Opel Astra bin-numru ta' reġistrazzjoni ABL-523.

*Elenku u Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali*

Min-naħa l-oħra u fir-rigward ta' beni parafernali, il-Qorti tara li f'dan il-kuntest ma tresqet l-ebda prova.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-ewwel u t-tielet talba attriċi fir-rigward ta' manteniment għall-attriċi nnifisha u għal bintha D B, u l-modalitajiet kif dan għandu jitħallas;

2. Tiċħad it-tieni talba attriċi liema talba hija insostenibbli;

3. Tiċħad ir-raba' talba attriċi dwar l-ispejjeż li għandhom jiġi assenjati lil konvenut;

4. Tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għadhiex iktar possibbli għaliex iz-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, b'dana illi l-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ hija attribwibbli unikament lill-attriċi stante iinkompattibilita' fil-karattru u inġurji gravi; Il-Qorti qiegħda tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 2374/1991, u konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi zmien tletin (30) jum mil-lum;

5. Tilqa' it-tieni talba rikonvenzjonali, kif spjegat fit-Tieni Taqsima ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Attriċi';*

6. Tilqa' it-tielet u r-raba' talba rikonvenzjonali billi xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partjiet, b'dana illi d-diviżjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provediment tar-raba' (4) taqsima ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali'*;

7. Tilqa' l-ħames talba b'dan illi għandu jiġi nominat in-Nutar Dr Shaun Critien limitatament biss f'każ li l-konvenut jagħżel li jagħmel użu mid-dritt ta' *right of first refusal* għall-akkwist tad-dar matrimonjali, u fi kwalunkwe każ għandhom jiġu nominati Dr. Fransina Abela u P.L. Marie Clarie Bartolo bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil xi wieħed jew waħda mill-partijiet li ma jidhrux fuq l-att finali rigward id-dar matrimonjali;

8. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-sitt talba rikonvenzjonali stante li ma tresqet l-ebda prova rigward assi parafernali;

9. Tiċħad is-seba' talba rikonvenzjonali stante li l-mertu tal-istess ġie eżawrit fil-mori tal-kawża;

10. Tiċħad it-tmien talba rikonvenzjonali rigward id-dritt tal-konvenut li jgħix fid-dar matrimonjali flimkien ma' bintu ad esklużjoni tal-attriċi.

L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom ikunu sapportati mill-attriċi.